MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Caruana)**

**vs**

**John Bugeja ta' 34 sena, iben Pawlu**
**u Emanuela nee Camilleri, mwieled Pieta'**
**fis-26 ta' April, 1963 u joqghod 154,**
**Triq Pinto, Qormi, detentur tal-karta**
**ta' l-identita' bin-numru 228969 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi John Bugeja li gie akkuzat talli

a. F'Hal Qormi fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Gunju, 2003 ikkommetta serq ta' stereo tal-marka pioneer bin-numru siriali KC 16961 u xi affarijiet ohra mill-vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni IAO-794 li kienet ipparkjata fit-Triq Stabal, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf (Lm 1,000) lira Maltin, u bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' Emanuel Carabott miz-Zejtun
b. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta srq ta' stereo tal-marka Roadstar bin-numru siriali 002829 u xi affarijiet minn vettura ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf (LM 1,000) lira Maltin, u bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa.
c. Talli huwa kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenzi sospiza (sentejn sospiza ghall-erbgha snin) u (14-il xahar sospizi ghal 3 snin) moghtija fl-4 ta' Ottubru, 2000 u fid-29 ta' April, 2002 rispettivament, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
d. U finalment talli kiser il-provediment ta' l-artikoli 5 tal-Kap 152 tal-ligijiet ta' Malta, ta' sentenza tal-Qorti ta' Magistrati (Malta) datata 9 ta' Mejju, 2002 li biha kien gie misjub hati ta' reati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat ukoll li l-akkuzat li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji kif ukoll li kien hati anke wara li nghata debita zmien li jahseb fuq l-istess ammissjoni.

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Ikkonsidrat dwar il-piena u wara li rat l-art 28A, 28B tal-Kap 9 li qed izzomm ferm l-istess sentenzi. Dwar il-ksur ta' ordni ta' probation rat l-art 11 tal-Kap 152, rat l-art 22(2)(b) tal-Kap 101 kif applikat fis-sena 1998 u tikkundannah ghal multa ta' Lm 200. Rat l-artiklu 261, 267, 270, 271, 281, 20, 22, 17 tal-Kap 9, tikkundannah

ghal 28 (tmienja u ghoxrin xahar) prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien ta' arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------